



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 30/26

il-Lussemburgu, 5 ta' Marzu 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-613/24 | Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (Żoni speċjali ta' konservazzjoni – Nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja)

Nuqqas doppju ta' twettiq ta' obbligu: il-Portugall huwa kkundannat iħallas EUR 10 miljun talli naqas milli jeżegwixxi sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata l-ksur tad-Direttiva dwar il-Habitats

Il-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu wkoll pagament ta' penalità ta' EUR 41 250 kuljum sakemm is-sentenza tiġi eżegwita b'mod sħiħ, liema pagament ta' penalità jitnaqqas skont il-progress imwettaq minn dan l-Istat Membru

Il-preservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità fl-Ewropa jikkostitwixxu waħda mill-prijoritajiet prinċipali tal-Unjoni Ewropea. Id-Direttiva dwar il-Habitats ¹ tikkontribwixxi għal dan permezz tal-konservazzjoni tal-habitats naturali, kif ukoll tal-fawna u tal-flora selvaġġa fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri. Għal dan l-għan, hija stabbilixxiet in-network "Natura 2000", l-ikbar network ekoloġiku tad-dinja. Natura 2000 għandha l-għan li tiżgura, b'mod koerenti u transnazzjonali, is-sopravivenza fit-tul tal-ispeċi u tal-habitats l-iktar prezjużi u l-iktar mhedda fl-Ewropa. In-network jinkludi żoni speċjali ta' konservazzjoni (ŻSK) indikati mill-Istati Membri skont id-Direttiva dwar il-Habitats, kif ukoll żoni ta' protezzjoni speċjali kklassifikati skont id-Direttiva dwar l-għasafar ².

Skont id-Direttiva dwar il-Habitats u sabiex tiġi stabbilita Natura 2000, il-Kummissjoni Ewropea, bi ftehim ma' kull wieħed mill-Istati Membri, tistabbilixxi lista tas-siti ta' importanza Komunitarja (SIK) ³. L-Istati Membri kkonċernati huma obbligati li jiddeżinjaw dawn is-siti bħala ŻSK kemm jista' jkun malajr u fi żmien massimu ta' sitt snin. Iż-ŻSK huma suġġetti għal sistema ta' protezzjoni speċjali, li fil-kuntest tagħha għandhom jiġu adottati l-miżuri neċessarji għaż-żamma jew għall-istabbiliment mill-ġdid, fi stat tajjeb ta' konservazzjoni, tal-habitats naturali u/jew tal-popolazzjonijiet tal-ispeċi li għalihom ġie ddeżinjat is-sit ⁴.

Fil-5 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tat sentenza ⁵ li tikkonstata li l-Portugall kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu li jiddeżinja bħala ŻSK total ta' 61 SIK ⁶ fir-reġjuni bjoġeografiċi Atlantiku u Mediterranju fit-termini stabbiliti mid-direttiva, kif ukoll li jadotta l-miżuri ta' konservazzjoni neċessarji.

Fil-21 ta' Settembru 2024, peress li qieset li l-Portugall kien naqas milli jeżegwixxi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni ppreżentat rikors ġdid għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Hija talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja timponi sanzjonijiet pekunjarji.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-ewwel sentenza tagħha u timponi fuq il-Portugall il-pagament ta' somma f'daqqa u ta' pagament ta' penalità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota qabelxejn li **l-leġiżlazzjoni adottata mill-Portugall, li sempliċement tiddeżinja SIK bħala ŻSK, mingħajr ma tippreċiża la t-tipi ta' habitats naturali u lanqas l-ispeċi protetti preżenti f'kull wieħed minnhom, tibqa' insuffiċjenti sabiex tkun konformi mad-Direttiva dwar il-Habitats** ⁷.

Imbagħad, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li **l-Portugall ma kienx għadu adotta miżuri ta' konservazzjoni xierqa.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan huwa **ksur partikolarment serju tad-dritt tal-ambjent tal-Unjoni, li l-Portugall komplaw jwettaq**. Peress li **t-territorju tal-Portugall jospita bijodiversità rikka**, li tinkludi 99 tip ta' habitats u 335 speċi koperti mid-Direttiva dwar il-Habitats, l-isfidi għall-patrimonju komuni tal-Unjoni huma partikolarment sinjifikattivi. Fid-dawl ta' dan, kif ukoll tat-**tul kunsiderevoli** tal-ksur u tal-**kapaċità ta' ħlas tal-Portugall, il-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa għal EUR 10 miljun**.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa xieraq li timponi wkoll pagament ta' penali, sabiex tinċentiva lill-Portugall itemm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu: fid-dawl tal-importanza tal-effett tan-network fl-istrateġija Natura 2000, is-sanzjonijiet finanzjarji għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm l-aħħar waħda mill-61 ŻSK ikkonċernati jkollhom protezzjoni xierqa. Għalhekk, il-Portugall huwa kkundannat iħallas lill-Kummissjoni **pagament ta' penali ta' EUR 41 250 kuljum** (li jikkorrispondi għal 55 sit li għadhom mhux protetti mmultiplikati b'EUR 750) ikkalkolat mil-lum sal-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza tal-5 ta' Settembru 2019, **bi tnaqqis ta' EUR 750 kuljum għal kull SIK li jkun sar konformi magħha**.

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat ikollu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid li bih titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ, u fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Amanda Nouvel ☎ (+ 352) 4303 2524.

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE](#) tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-Habitats").

² [Direttiva 2009/147/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi.

³ Skont id-Direttiva dwar il-Habitats, SIK huwa sit li, fir-reġjun jew fir-reġjuni bjoġeografici li jappartjeni għalihom, jikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għaż-żamma jew għall-istabbiliment fi stat tajjeb ta' konservazzjoni ta' tip ta' habitat naturali jew speċi li l-konservazzjoni tagħhom teħtieġ id-deżinjazzjoni ta' ŻSK u jista' wkoll jikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għall-koerenza tan-network "Natura 2000" u/jew jikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għaż-żamma tad-diversità bjoġika fir-reġjun jew fir-reġjuni bjoġeografici kkonċernati. Id-direttiva tindika ħames reġjuni bjoġeografici: Alpin, Atlantiku, Kontinentali, Makaroneżjan u Mediterranju. Għall-ispeċi ta' annimali li jokkupaw territorji kbar, is-SIK jikkorrispondu għall-postijiet, li ħdan l-ambitu naturali ta' dawn l-ispeċi, li jipprovdu l-elementi fiżiċi jew bjoġiċi essenzzjali għall-ħajja u għar-riproduzzjoni tagħhom.

⁴ Dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu pjanijiet ta' ġestjoni speċifiċi jew integrati f'pjanijiet oħra ta' żvilupp, kif ukoll miżuri regolatorji, amministrattivi jew kuntrattwali xierqa.

⁵ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Settembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (Deżinjazzjoni u protezzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni), [C-290/18](#).

⁶ Dawn is-siti ntagħżlu mill-Kummissjoni [fid-Deċiżjoni 2004/813/KE](#) tas-7 ta' Diċembru 2004, f'dak li jirrigwarda r-reġjun bjoġeografiku Atlantiku u fid-[Deċiżjoni 2006/613/KE](#) tad-19 ta' Lulju 2006 f'dak li jirrigwarda r-reġjun bjoġeografiku Mediterranju.

⁷ Fil-fatt, sat-2 ta' Frar 2022, id-data ta' riferiment għall-evalwazzjoni ta' dan it-tieni nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (jiġifieri, xahrejn wara li l-Kummissjoni baġtet lill-Portugall, fit-2 ta' Diċembru 2021, ittra ta' intimazzjoni), l-ebda wieħed mid-digrieti li jispeċifikaw dawn it-tipi ta' habitats u ta' speċi ma kien ġie ppubblikat. Sas-27 ta' Novembru 2024, unikament 29 minn dawn id-digrieti kienu fil-proċess ta' adozzjoni, u x-xogħol fuq it-testijiet l-oħra kien għadu għaddej. Sal-24 ta' Marzu 2025, unikament 6 mill-61 digrieti mistennija, sabiex is-SIK inkwistjoni jiġu kklassifikati bħala ŻSK, kienu ġew adottati u ppubblikati, l-ewwel wieħed fis-6 ta' Frar 2025 u l-ħamsa l-oħra fl-20 ta' Marzu 2025.